31997D0221

L 89/32 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 4.4.1997

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Frar 1997

li tistipula l-kondizzjonijiet ta' saħħa ta' bhejjem u abbozzi ta' ċertifikati veterinarji fir-rigward ta' prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi u li tirrevoka Deċiżjoni Nru 91/449/KEE

(Test b'rilevanza għall-Ftehim ŻEE)

(97/221/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, majjali, ovini u kaprini, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/91/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 21(a) u 22 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992, li tistipula ħtiġiet ta' saħħa tal-bhejjem u saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ fi u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għall-ħtiġiet imsemmija stipulati f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm riferenza għalihom fl-Anness A (1) li jinsab mad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, mad-Direttiva 90/425/KEE [3] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/90/KE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2)(ċ),

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE [5], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/68/KE [6], tiddefinixxi prodott tal-laħam billi tistipula l-ħtiġiet minimi ta' trattament;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KEE [7] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/92/KE [8] tistipula l-abbozzi ta' ċertifikati ta' saħħa ta' l-bhejjem fir-rigward ta' prodotti tal-laħam ta' bhejjem bovini, majjali, equidae, ngħaġ u mogħoż importati minn pajjiżi terzi;

Billi huwa meħtieġ li jiġu stipulati kondizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem u abbozzi ta' ċertifikati veterinarji għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam manifatturat minn laħam ta' tjur imrobbija, fniek domestiċi u laħam ta' tjur selvaġġi minn pajjiżi terzi;

Billi l-kategoriji ta' prodotti tal-laħam li jistgħu jiġu importati minn pajjiżi terzi jiddependu fuq is-sitwazzjoni ta' saħħa tal-pajjiż terz jew partijiet minn pajjiż terz ta' manufattura; billi, sabiex ikunu jistgħu jiġu importati, ċerti prodotti tal-laħam għandhom ikunu ġew soġġetti għal trattament partikolari;

Billi lista ta' pajjiżi terzi li Stati Membri jimportaw prodotti tal-laħam minn għandhom hija stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE [9];

Billi huwa meħtieġa li jiġu stipulati l-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem u ċertifikat meħtieġ għall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti mill-pajjiż terz li jimmanifatturhom; billi sabiex tkun iċċarata u ssimplifikata l-leġislazzjoni tal-Komunità, huwa ġustifikat li jiġu miġbura flimkien il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem u ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa għal importazzjonijiet ta' kategoriji varji ta' prodotti tal-laħam u li tiġi revokata d-Deċiżjoni 91/449/KEE;

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 26.
[3] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[4] ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 24.
[5] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.
[6] ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 10.
[7] ĠU L 240, tad-29.8.1991, p. 28.
[8] ĠU L 21, tas-27.1.1996, p. 71.
[9] Ara paġna 39 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Billi dawn il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem u ċertifikazzjoni veterinarja japplikaw mingħajr preġudizzju għall-kondizzjoni li jkun ġie approvat programm ta' ittestjar ta' residwi għall-pajjiż terz konċernat taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/160/KE ([2]);

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. id-definizzjoni ta' prodotti tal-laħam stipulata fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 77/99/KEE għandha tgħodd;

2. il-laħam jew prodotti tal-laħam użati fil-manifattura tal-prodotti tal-laħam għandhom ikunu ġew miksubin minn:

   — tajr domestiku ta' l-ispeċi segwenti: tajr domestiku, dundjani, farawni, wiżż u papri,

   jew

   — bhejjem domestiċi ta' l-ispeċi segwenti: annimali bovini (li jinkludu Bubalus bubalis, Bison bison), majjali, ngħaġ, mogħoż u solipedi,

   jew

   — tjur imkabbra u fniek domestiċi kif iddefinit fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE ([3]),

   jew

   — tjur selvaġġi kif definiti fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE ([4]).

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam:

1. li jkunu ġejjin mill-ispeċi li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1;

   u:

2. (a) jew

   li joriġinaw minn pajjiżi terzi mniżżla f'Taqsima II ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE, jew partijiet minn pajjiżi terzi kif definiti fit-Taqsima I ta' l-Anness li jinsab ma' l-istess deċiżjoni, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

   — il-prodotti tal-laħam ikun fihom laħam u/jew prodotti tal-laħam li jkunu ġejjin minn speċi waħda jew aktar li jkunu għaddew minn trattament mhux speċifiku kif stipulat fit-Taqsima IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE;

   (b) jew

   li joriġinaw minn pajjiżi terzi, elenkati fit-Taqsimiet II u II ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE, jew partijiet minn pajjiżi terzi, kif definiti fit-Taqsima I ta' l-Anness li jinsab ma' l-istess Deċiżjoni, taħt waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

   — il-prodotti tal-laħam ikun fihom laħam u/jew prodotti tal-laħam miksubin minn speċi waħda kif awtorizzat taħt il-kolonna rilevanti li tindika l-ispeċi konċernata u li tkun ġiet soġġetta għall-inqas għar-reġim tat-trattament speċifiku meħtieġ għal-laħam ta' dik l-ispeċi kif stipulat fit-Taqsima IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE,

   — il-prodotti tal-laħam ikun fihom laħmijiet friski, ipproċessati jew ipproċessati parzjalment minn aktar minn speċi waħda li jiġu mħallta qabel ma jgħaddu mit-trattament finali tagħhom. Dan it-trattament finali għandu jkun għall-inqas daqs l-aktar trattament strett kif stipulat fit-Taqsima IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE, għal kull wieħed mill-kostitwenti ta' laħam individwali għall-ispeċi konċernata,

   — il-prodotti finali tal-laħam jiġu mħejjija bit-taħlita ta' laħam ittrattat minn qabel minn aktar minn speċi waħda, it-trattament ta' qabel li jkun għadda minnu kull kostitwent għandu jkun għall-inqas daqs it-trattament rilevanti kif stipulat fit-Taqsima IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE, għall-ispeċi ta' laħam konċernata.

   It-trattamenti murija fit-Taqisma IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE jirrappreżentaw il-kondizzjonijiet minimi ta' pproċessar aċċettabbli għall-għanijiet ta' saħħa ta' l-bhejjem għal laħam ta' l-ispeċi konċernata mill-pajjiżi indikati;

3. il-laħam frisk użat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' saħħa pubblika relevanti meħtieġa għall-importazzjoni ta' dak il-laħam ġewwa l-Komunità.

([1]) ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
([2]) ĠU L 62, ta' l-4.3.1997, p. 39.
([3]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 41.
([4]) ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 35.

Artikolu 3

Il-prodotti tal-laħam msemmija fl-Artikolu 2 għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet preskritti fl-abbozz taċ-ċertifikat ta' saħħa fl-Anness. Dan iċ-ċertifikat għandu jakkompanja l-kunsinna u għandu jkun debitament mimli u ffirmat mill-veterinarju uffiċjali.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 91/449/KEE hija rrevokata.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Marzu 1997.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

ABBOZZ TA' ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA TAL-BHEJJEM GĦALL-PRODOTTI TAL-LAĦAM MAĦSUBA SABIEX JIĠU KKUNSINNATI FIL-KOMUNITà EWROPEA

Nota għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għall-għanijiet veterinarji u għandu jakkompanja l-kunsinna sakemm din tasal fil-post ta' spezzjoni tal-fruntijera.

Numru ta' referenza taċ-ċertifikat .....

Pajjiż ta' destinazzjoni: .....
(isem ta' l-Istat Membru tal-KE)

Numru ta' referenza taċ-ċertifikat tas-saħħa pubblika: .....

Pajjiż esportatur (1)/reġjun (1) (2): .....

Ministeru: .....

Dipartiment: .....

I. **Identifikazzjoni ta' prodotti tal-laħam**

Indika l-oriġini tal-laħam (laħmijiet) użat(i) fil-prodott tal-laħam billi tpoġġi marka fil-kaxex li jinsabu fuq in-naħa l-oħra ta' kull waħda mill-ispeċi konċernata.

Speċi domestika (2)

Bovini ..... ☐

Tan-nagħaġ ..... ☐

Tal-moghoż ..... ☐

Tal-majjali ..... ☐

Bid-difer qawwi ..... ☐

Ta' tjur (speċifika) ..... ☐

Bhejjem imkabbra (2)

Bid-difer maqsum (minbarra majjali) (speċifika) ..... ☐

Majjali ..... ☐

Ghasafar (speċifika) ..... ☐

Fniek domestiċi ..... ☐

Fniek ohra (specifika) ..... ☐

Bhejjem slavaġ (2)

Bid-difer maqsum (minbarra majjali) (speċifika) ..... ☐

Majjali ..... ☐

Ghasafar (specifika) ..... ☐

Bid-difer qawwi ..... ☐

Tar-razza tal-fniek (speċifika) ..... ☐

Ohrajn (speċifika) ..... ☐

(1) Daħħal l-isem tal-pajjiż fejn ġie mmanifatturat il-prodott tal-laham deskritt fiċ-ċertifikat. Barra minn hekk, ghandu jiġi mdaħħal l-isem tar-reġjun jekk l-awtorizzazzjoni sabiex jiġu esportati prodotti tal-laham lejn il-Komunità tkun ġiet limitata ghal ċerti reġjuni tal-pajjiż esportatur (ara Anness, Parti I Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/222/KE).

(2) Hassar skond kif xieraq.

Deskrizzjoni tal-prodotti tal-laħam: .....

Natura tal-biċċiet: .....

Natura ta' l-ippakkjar: .....

Numru ta' biċċiet jew pakketti: .....

Temperaturi tal-ħżin u tat-trasport meħtieġa: .....

Kemm idum tajjeb meta maħżun: .....

Piż nett: .....

II. **Oriġini tal-prodotti tal-laħam**

Indirizz(i) u numru(numri) ta' approvazzjoni veterinarji ta':

(a) l-istabbiliment(i) li jfornu laħam frisk: .....

.....

(b) l-istabbiliment(i) tal-prodotti tal-laħam: .....

.....

(c) l-istabbiliment(i) ta' ħżin: .....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti tal-laħam**

Il-prodott tal-laħam sejjer jintbagħat minn: .....
(post tat-tagħbija)

sa: .....
(pajjiż ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezz ta' trasport li ġej (1): .....

Isem u indirizz ta':

(a) fornitur: .....

.....

(b) destinatarju: .....

.....

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

1. il-prodott tal-laħam fih il-kostitwenti tal-laħam li ġejjin u jissodisfa l-kriterji indikati taħt:

Speċi (1)	Trattament (2)	Oriġini (3)	Kundizzjonijiet ta' saħħa tal-bhejjem (4)

(1) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi relevanti fejn BO = bovini u bhejjem bid-difer mifrud (minbarra majjali), OV = moghoż u naghaġ imkabbrra, SO = bhejjem bid-difer qawwi, PO = majjali mkabbra, RA = fniek domestiċi, PL = tajr imkabbar u bhejjem bir-rix imkabbra, WG = bhejjem slavaġ bid-difer mifrud (minbarra majjali), WS = majjal salvaġġ, WSO = bhejjem slavaġ bid-difer qawwi, WLP = fniek slavaġ, WB = għasafar slavaġ.

(2) Daħħal A, B, C, D, E, jew F għat-trattament meħtieġ kif speċifikat u definit fil-Partijiet II, II u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE.

(3) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' oriġini u, fil-każ ta' reġjunalizzazzjoni il-permezz ta' leġislazzjoni tal-Komunità għall-kostitwenti tal-laħam relevanti, ir-reġjun.

(4) Daħħal in-numru ta' referenza tad-Deċiżjoni tal-Komunità relevanti (fejn ikun adattat) li kienet applikabbli għall-produzzjoni tal-laħam fil-manifattura tal-prodott tal-laħam deskritt f'dan iċ-ċertifikat.

(1) Għat-trakkijiet għandu jingħata n-numru ta' reġistrazzjoni. Għall-kontenituri bil-kwantità in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu inklużi.

2. fejn il-prodott tal-laham ikun ghadda minn trattament minbarra ta' shana f'reċipjent issiġġillat b'mod ermatiku ghal valur F₀ ta' 3 jew aktar, ikun ġie mhejji minn laham frisk li:

(a) fil-każ ta' laham frisk ta' bovini, tan-naghaġ, tal-moghoż, tal-majjal jew ta' bhejjem bid-difer qawwi:

— jissodisfa l-htiġiet ta' sahha tal-bhejjem preskritti f'Artikoli 14, 15 u 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE u jkun bi qbil mad-Deċiżjoni .../.../KE/ [1] [2],

u/jew

— joriġina minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea u jissodisfa l-htiġiet ta' l-Artikolu 21 (a) (1), it-tieni inċiż, tad-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE [1],

u/jew

— jissodisfa kull htieġa miftehma taht id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 (a), l-ahhar sentenza, tad-Direttiva 72/462/KEE u jkun ghadda mit-trattament preskritt ghal-laham ta' l-ispeċi konċernata fit-Taqsimiet II u III (skond kif xieraq) ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE, u fil-każ ta' prodotti tal-laham maqtugh strixxi u pastorizzat jissodisfa l-htiġiet ta' sahha tal-bhejjem stipulati fl-Artikoli 14, 15 u 16 tad-Direttiva 72/462/KEE u jkun bi qbil mad-Deċiżjoni .../.../KE... [1] [2];

(b) fil-każ ta' laham frisk minn tajr domestiku:

— jissodisfa l-htigiet ta' sahha tal-bhejjem stipulati fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/984/KE jew 96/181/KE jew 96/182/KE [1],

u/jew

— joriġina fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jissodisfa l-htiġiet ta' l-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE [1],

u/jew

— joriġina f'pajjiż terz imsemmi fl-Anness II, il-Kapitolu I li jinsab mad-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE [1];

(ċ) fil-każ ta' laham frisk minn bhejjem imkabbra u fniek domestiċi:

— jissodisfa l-htiġiet rilevanti ta' sahha tal-bhejjem u sahha pubblika stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/219/KE [1];

(d) fil-każ ta' laham frisk minn bhejjem slavaġ (minbarra majjali slavaġ):

— jissodisfa l-htiġiet rilevanti ta' sahha tal-bhejjem u sahha pubblika preskritti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/218/KE [1];

(e) fil-każ ta' laham frisk minn majjali slavaġ:

— jissodisfa l-htiġiet rilevanti ta' sahha tal-bhejjem u sahha pubblika stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/220/KE [1];

3. il-prodott tal-laham:

— jikkonsisti f'laham u/jew prodotti tal-laham li jkun(u) ġejjin minn speċi wahdanija, u li jkun ghadda mit-trattament li jissodisfa l-kondizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE [1],

jew

— jikkonsisti f'laham minn aktar minn speċi wahda fejn, wara li l-laham jiġi mhallat flimkien, il-prodott kollu jkun sussegwentament ghadda minn trattament li jkun ghall-inqas ugwali ghall-aktar trattament strett mehtieġ ghal kull wiehed mill-komponennti tal-laham individwali li jkunu jinsabu fil-prodott tal-laham, kif stipulat fl-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE [1],

jew

— ikun ġie mhejji minn laham, minn aktar minn speċi wahda fejn kull wiehed mil-laham kostitwent ikun qabel ghadda minn trattament qabel it-tahlita li ssodisfa l-htigiet tat-trattament relevanti ghal laham minn dik l-ispeċi, kif stipulat fl-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/222/KE [1];

[1] Ħassar skond kif xieraq.

[2] Daħħal in-numru ta' referenza tad-Deċiżjoni tal-Komunità relevanti (fejn ikun adattat) li kien applikabbli ghall-produzzjoni tal-laham vżat fil-manifattura tal-prodott tal-laham deskritt fiċ-ċertifikat.

4. fil-każ ta' prodotti tal-laham tat-tajr li ma għaddewx minn trattament speċifiku u li jkunu destinati għall-Istati Membri jew għal reġjuni tagħhom li kienu ġew rikonoxxuti bi qbil ma' l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE, il-laham tat-tajr ġie miksub minn tajr li ma kienx ġie mlaqqam b'vaċċin ħaj kontra l-marda rom fi żmien 30 jum qabel il-qatla (1);

5. wara t-trattament kienu ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex tkun ġiet evitata l-kontaminazzjoni.

Magħmul fi ....., nhar.....
(post) (data)

Siġill (2)

.....
(firma tal-veterinarju uffiċjali) (2)

.....
(isem b'ittri kbar, titlu u kwalifiki)

(1) Ħassar skond kif xieraq.
(2) Il-kulur tas-siġill u l-firmá jridu jkunu differenti mill-kulur ta' l-istampar.